MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 18/2012

**Gillian Renaud**

**vs**

**Francis Saviour Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mill-attrici fis-17 ta' Jannar, 2012 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenut jhallasha s-somma ta' mitejn u hamsin euro (€250) wara li ppremettiet hekk:

"1. Illi l-attrici hija ta' nazzjonalita Ingliza u ilha toqghod Malta ghal diversi snin gewwa 11, St. Mary Street, Hamrun;

2. Illi mill-ewwel li giet toqghod f'dan il-post il-gar taghha u cioe Francis Saviour Camilleri u martu ma tantx hadu gost biha tant hu hekk li kien hemm diversi okkazzjonijiet ta' argumenti u vendikazzjonijiet minn naha tal-gar tal-attrici;

3. Illi fid-9 ta’ Settembru 2011, l-konvenut Francis Saviour Camilleri tela’ fuq il-proprjeta tieghu u minn hemm qatta u kisser proprjeta tal-attrici li kienu fuq in-naha tal-proprjeta;

4. Illi l-konvenut uza xi ghodda biex qaccat xi pjanti u materjal tal-plastic maghruf bhala plastic trellis windbreaker li kienu fuq in-naha tal-proprjeta tal-attrici;

5. Illi ghalkemm gie nterpellat biex ihallas l-ammont ta’ mitejn u hamsin euro (€250) stima mahduma mill-Perit Anthony Muscat liema dokument qieghda tigi annessa u markata bhala Dok A tal-hsara li ghamel u anki wara li saru rapporti mal-pulizija fuq din il-kwistjoni dan baqa ma hallasx;

Ghaldaqstant, l-attrici titlob li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu tordna lill-konvenut ihallsu somma globali ta’ mitejn u hamsin euro (€250) li hija t-total tal-ammonti indikati hawn fuq bl-imghaxijiet mid-data tal-hsara li saret u bl-ispejjez legali kontra l-intimat ingunti minn issa ghas-subizzjoni”.

Ra l-verbal tat-28 ta’ Frar, 2012 fejn Dott. Bernard Grech ghal konvenut talab li jipprezenta risposta f’dan il-kaz minkejja li skada t-terminu. Ra li Dott. Noel Cutajar ghall-attrici prezenti ma opponiex. It-Tribunal laqa’ t-talba u ta lill-konvenut sat-2 ta’ Marzu, 2012 biex jipprezenta risposta.

Ra **r-risposta tal-konvenut** imressqa minnu fit-28 ta’ Frar, 2012 u li permezz taghha ecceppixxa hekk:

“It-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante li l-ammont mitlub mhux dovut minhabba ragunijiet li ghandhom jigu ppruvati fis-smiegh tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attrici”.

Ra l-verbal tal-24 ta’ April, 2012 fejn, wara li l-partijiet trattaw il-kaz, din giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra l-atti u x-xhieda moghtija;

Ikkunsidra;

1. Fis-seduta tas-7 ta’ Marzu, 2012 xehed **PS 1314 Raymond Ambrogio.** Huwa qal li fid-9 ta’ Settembru, 2011 l-attrici kienet marret l-Ghassa tal-Hamrun u ghamlet rapport li dak-in-nhar filghodu l-gar taghha kien ghamlilha hsara fil-kanizzata tad-dar taghha. Fil-kors ta’ l-investigazzjonijiet is-Surgent kellem lill-konvenut fejn dan ammetta mieghu li huwa kien qata xi pjanti illi kienu kibru maz-zmien u li kienu qeghdin ixebbilku mill-proprjeta ta’ l-attrici ghal gol-bitha tieghu. Meta huwa staqsa lill-konvenut dwar il-kanizzata, l-konvenut qallu li din kienet tkissret wahidha ghaliex kellha z-zmien u kienet tmermret. Is-Surgent jghid li huwa ra l-kanizzata u kienet “*tidher li ilha hemmhekk pero jiena ma nifhimx jekk kellix xi hsrata jew affarijiet ohrajn*” (fol. 8). In kontro-ezami, meta s-Surgent gie mistoqsi jekk huwa kienx ra xi bicca mit-trellies fuq in-naha tal-proprjeta tal-konvenut huwa wiegeb fin-negattiv. Qal pero li ra l-pjanti li kien qatalha u li kienu mitfughin lura fil-proprjeta taghha.

2. **L-attrici** xehdet bil-lingwa Ingliza fis-seduta tal-24 ta’ April, 2012. Hija qalet li fid-9 ta’ Settembru, 2011 semghet hoss gej mill-gnien tal-gar taghha. X’hin harset il-barra, hija setghet tara li l-hoss kien gej minn sellum. L-attrici tghid ukoll li “*I took a picture of the defendant cutting through the trellis which there is between our properties, the trellis is on my side of the wall. The rellis which I am mentioning is the green net which can be seen in the document which I am exhibiting and marking as doc GR 1. In it the defendant can be seen with his hand reached out reached out towards it behind some branches*” (fol. 15). Tkompli tghid ukoll li skond ma jidher mid-dokument li hija esebit u gie mmarkat bhala dok. GR 2 “*.. the branches of the wisteria tree are completely on my side as is the wind breaker that is the green net*” (fol. 15). Fuq dan id-dokument, l-attrici kitbet in-numri tal-proprjeta taghha u tal-konvenut. Il-proprjeta taghha hija dik bin-numru 11. L-attrici ghaddiet ukoll sabiex tesebixxi diversi ritratti fejn

tidher ix-xibka l-hadra mertu ta’ dan il-kaz, kif ukoll fejn ijidher il-konvenut. In oltre, hija esebit erba’ (4) ritratti li minnhom jidher il-weraq ma l-art u xi bicciet tax-xibka l-hadra (dok. GR 7). L-attrici tghid ukoll li skond ma jirrizulta mid-dok. GR 4, il-konvenut jidher qieghed izomm “*... a pair of cutters and him lifting the green netting up*” (fol. 15). Dok. GR 6 imbaghad juri x-xibka l-hadra maqtugha. L-attrici stqarret li parti mis-sigra taghha kienet qeghda tmiss max-xibka l-hadra, liema xibka l-konvenut carrat.

In kontro-ezami hija tghid li r-ritratt immarkat bhala Dok. GR 2 ittiehed xi jumejn qabel ma sehh l-incident de qua. Ghar-rigward tad-Dok. GR 1 dan ittiehed fid-9 ta’ Settembru, 2011. Meta giet mistoqsija jekk ix-xibka l-hadra kienitx “*... damaged prior to defendant started trimming the creeper*” hija wiegbet “*... absolutely not*” (fol. 16). Ix-xibka l-hadra, tghid l-attrici, kienet ilha fil-post ghal dawn l-ahhar sitt (6) snin. Illum, ix-xibka l-hadra giet mibdula b’ohra. Ix-xibka l-hadra l-gdida giet rinfurzata bil-fidiferru (mesh) u dan skond ma jidher mir-ritratt esebit a fol. 31 tal-process. Meta giet mistoqsija kemm giet tiswija x-xibka u l-fidiferru, hija tghid li dawn gew jiswewha xi mitejn euro bl-ispejjez tal-haddiema b’kollox.

Il-konvenut **Francis Saviour Camilleri** xehed ukoll fl-24 ta’ April, 2012. Huwa esebixxa erba’ (4) ritratti li juru s-sigra proprjeta ta’ l-attrici u l-ambjenti ta’ wara tal-proprjetajiet rispettivi taghhom. Il-konvenut jammetti “*... illi jiena qtajt xi weraq u zkuk mis-sigra taghha pero dawn kienu qeghdin dehlin ghal gol-proprjeta tieghi*” (fol. 17). Il-konvenut jistqarr ukoll li “*... dawk biss qtajt u ma qtajt xejn izjed*” u li “*huwa minnu illi x’hin qtajt dawk iz-zkuk jiena tfajthom ghal gol-proprjeta taghha*” (fol. 17). Ghar-rigward tax-xibka l-hadra, l-konvenut ighid li din ilha hemm ghal madwar ghaxar (10) snin u apparti li din dejjem taqla “*xemx, xita u minn kollox fiha*” ix-xibka kellha bicca minnha mqatta u mraqqa. Filwaqt li jammetti li kellu mqass f’idejh, il-konvenut ighid li huwa ma kellu l-ebda interess li jqattaha.

In kontro-ezami, l-konvenut ighid li ghalkemm is-sigra kienet fuq in-naha ta’ l-attrici, kien hemm xi zkuk li kienu

gejjin fuq in-naha tieghu u huwa qabad u qatahom. Mistoqsi jekk ix-xibka kienitx imqatta meta huwa tela biex jaqta z-zkuk, huwa jistqarr li x-xibka kienet mherrija. Izid ighid li "*kieku jiena gbidt ix-xibka l-fuq kif qieghed jigi suggerit lili kieku x-xibka kienet tigi f'idi tant kemm kienet mherrija*" (fol. 17).

3. Xehdet ukoll **Marika Mangion**, bint il-konvenut. Hija tghid li kienet tghix fid-dar ta' missierha sakemm izzewget. Ix-xibka l-hadra telghet wara li hija zzewget. Tiftakar ukoll li "*... xi ftit ta' zmien qabel ma nqala dan l-episodju jiena kont mort inzur lill-papa, kont hrigt fil-bitha u minn hemmhekk stajt nara illi z-zkuk tas-sigra illi kienet u cioe li hemm fil-proprjeta ta' l-attrici kienu qeghdin jippenettraw l-istess xibka hadra z-zkuk fil-fatt kienu gejjin fuq in-naha tal-bitha tal-papa tieghi*" (fol. 18). Mistoqsija mit-Tribunal it-tul tax-xibka l-hadra, din ix-xhud tghid li fiha "*... gholi madwar tlett piedi erbgha piedi u bhala tul hemm qisu ghaxar piedi*" (fol. 18).

In kontro-ezami wara li giet murija r-ritratt immarkat bhala dok. GR 6 u mistoqsija jekk ix-xibka kienitx imqatta kif tidher f'dak ir-ritratt, ix-xhud tghid li "*... jiena meta rajt ix-xibka din ma kinitx imqatta hekk dan qed nghid ghal meta mort jumejn qabel pero nerga nghid illi x-xibka kellha l-weraq tax-xitla go fiha*". Ix-xhud tishaq ukoll li x-xibka meta ratha hi kienet tidher mherrija.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Permezz ta' din il-kawza, l-attrici qeghda titlob il-hlas tas-somma ta' €250 minghand il-konvenut u dan talli l-konvenut ghamel hsara f'xibka hadra li kien hemm fuq in-naha tal-proprjeta taghha. Il-konvenut da parti tieghu qieghed jichad li huwa ghamel xi hsara f'din ix-xibka hadra u li kull ma ghamel kien li qata' xi zkuk li kienu hergin minn din ix-xibka ghal gol-proprjeta tieghu. Apparti minn hekk, huwa qal li din ix-xibka kienet mherrija u li l-hsarat li graw fuq din ix-xibka graw l-ghaliex din ix-xibka ilha taqla l-elementi fuqha ghal diversi snin.

5. **L-artikolu 438 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid:
***438.*** *(1) Dak li fuq il-fond tiegħu jixxabbtu frieghi tas-siġar tal-ġar, jista' jġiegħel lill-ġar jaqtagħhom, u jista' jieħu l-frott li jiddendel minnhom.*

*(2) Barra minn dan, jekk l-egħruq jibqgħu deħlin fil-fond tiegħu, jista' jaqtagħhom huwa stess.*

6. Mela galadarba kien hemm frieghi li mis-sigra tal-attrici kienu qeghdin dehlin fil-proprjeta tieghu, l-konvenut messu kitbilha ittra u infurmaha li skond il-ligi, hija kellha tiehu hsieb li dan ma jsehhx u biex taqtaghhom. Il-konvenut ma ghamilx dan u qabad u ha l-ligi f'idejh. B'daqshekk biss pero, t-Tribunal ma jirravviza l-ebda danni li l-konvenut seta' ghamel fuq is-sigra tal-attrici. Pero, l-kwistjoni bejn il-partijiet hija dwar ix-xibka l-hadra. L-attrici tghid li huwa kkawzala l-hsara f'din ix-xibka, filwaqt li l-konvenut ighid li huwa ma ghamel l-ebda hsara.

7. Kif gie ritenut mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet: **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 li tkellmet dwar l-apprezzament tal-provi u l-piz li ghandu jinghata mill-Qorti lil certu provi u liema ghandhom jigu skartati jew eliminati:

"*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g.*

*identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[1]"

8. Inghad ukoll mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[2].

---

[1] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2033 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Onor. Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

[2] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[3].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[4].

9. Issa fil-kaz odjern, jirrizulta mir-ritratti esebiti, li bejn il-proprjeta tal-kontendenti kien hemm xibka hadra. Minn din ix-xibka kienu ghaddejjin diversi frieghi minn sigra li kien hemm fil-proprjeta tal-attrici. Dawn il-frieghi, kif diga rajna, spiccaw biex inqatghu mill-konvenut, meta huwa ma kellu l-ebda dritt jaghmel dan. Mir-ritratti ukoll jirrizulta

[3] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;
[4] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

li din ix-xibka hadra kienet tqatghet. Il-konvenut ighid li din kienet imqatta qabel ma tela hu fuq is-sellum jaqta z-zkuk bl-imqas. It-Tribunal pero jemmen iktar il-verzjoni ta' l-attrici u cioe li din ix-xibka hadra tqatghet mill-konvenut meta huwa tela jnehhi l-frieghi. Dan kemm minhabba dak li jirrizulta mir-ritratti mmarkati bhala dok. GR 3 u dok. GR 6 li juru x-xibka kif kienet meta kien hemm il-konvenut hdejha (dok. GR 3 – fol. 26) u kif spiccat meta l-konvenut telaq minn hdejha (dok. GR 6 – fol. 29). Il-parti tax-xibka hija l-istess fiz-zewg ritratti. Dan wiehed jista jikkonkludih jekk jara s-*socket* tad-dawl li hemm fuq ic-cint li hemm fin-naha tal-proprjeta ta' l-attrici. Kif jidher ukoll mir-ritratti, l-konvenut nehha l-frieghi kollha li kien hemm, anke dawk li kienu fuq in-naha ta' l-attrici. Biex ghamel hekk, huwa gholla x-xibka hadra kif jirrizulta mid-dok. GR 4 (fol. 27). Apparti dan kollu, bint il-konvenut, Marika Mangion, fix-xhieda moghtija minnha fis-seduta tal-24 ta' April, 2012 tghid li "*Qeghda nigi murija dokument GR 6 u nghid illi jiena meta rajt ix-xibka din ma kinitx imqatta hekk dan qed nghid ghal meta mort jumejn qabel pero nerga' nghid illi x-xibka kellha l-weraq tax-xitla go fiha*" (fol. 18).

10. Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jwiegeb ghad-danni subiti mill-attrici bl-agir tieghu.

11. L-attrici f'dan ir-rigward ipprezentat rapport mhejji mill-Perit Anthony Muscat datat 16 ta' Settembru, 2011 liema rapport, fil-parti konkluziva tieghu jaqra hekk: "*The total cost to replace the said plastic trellis wind breaker is estimated at two hundred and fifty euros including installation costs.*" (fol. 20). Dan ir-rapport ma giex debitament mahluf mill-Perit Muscat pero kif inhu risaput "*l-konferma bil-gurament mhiex rekwizit sine qua non ghall-ammissibilita bhala prova, u fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, il-Qorti ghandha tkun libera li taccettahom u li taghmel l-inferenzi li legittimament hu konsentit li taghmel*[5]".

---

[5] **Carmel Camilleri vs Leone Pillow** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1997 u **Allied Insurance Agency Limited vs Evellina Borg Grech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2004;

12. L-attrici fix-xhieda taghha tghid li hija hallset madwar mitejn euro (€200) "*to set up the mesh together with the green netting*". Dan ix-xoghol twettaq minn zewg haddiema u meta giet mistoqsija kemm thallsu dawn il-haddiema ghax-xoghol minnhom imwettaq hija tghid li ma tiftakarx imma l-"*amount was inclusive*" (fol. 16). It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut ghandu jwiegeb ghal hsara li huwa ghamel fix-xibka l-hadra proprjeta ta' l-attrici u mhux ghax-xogholijiet kollha li l-attrici wettqet, f'liema xogholijiet kien hemm inkluz ukoll il-fidiferru (*wire mesh*). Galadarba ma hemmx indikat kemm giet tiswa x-xibka l-hadra l-gdida biex titbiddel dik precedenti u x-xoghol tal-*labour* tal-haddiema ingaggati, t-Tribunal sejjer jillikwida l-ammont huwa *arbitrio boni viri*, mehud ukoll in konsiderazzjoni tal-fatt li din ix-xibka hadra kienet ilha installata fuq il-post ghal diversi snin u kienet esposta ghall-elementi. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ispiza biex titbiddel din ix-xibka hadra ma kellhiex tissupera l-mitt euro (€100) u huwa dan l-ammont li qieghed jigi likwidat minnu *arbitrio boni viri*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba ta' l-attrici limitatament fis-somma ta' mitt euro (€100) u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' mitt euro (€100). L-imghaxijiet fuq dan l-ammont jibda jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------